MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2011

Numru 798/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Bernard Charles Spiteri)**
**vs**
**“Z”**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra “Z” karta tal-identita’ 294895 (M) ta’ 15-il sena, iben il-mejjet Ronald u Carmen nee’ Aquiilina, mwieled Pieta u residenti 26, Triq il-Fuhhar, Mosta:

Talli fit-2 ta’ Lulju 2011 ghall-habta tal-11.30pm waqt li kont fi Vjal il-Wiehed u Ghoxrin ta’ Settembru, Naxxar jew fi bnadi ohra tal-Gzejjer Maltin, lqajt ghandhek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, u xjentement, b’kull mod, indhalt biex tbieghom jew tmexxihom.

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali tal-25 ta' Lulju tas-sena 2011 li bih baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 37, 334(a) u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Settembru 2011 fejn l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi,

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din hija sentenza f'kawza li originat kontra tlett imputati, lkoll minorenni, dak odjern ta' 15-il sena, iehor ta' 14 u iehor ta' 16-il sena, u ghalhekk wara separazzjoni tal-gudizzju mitlub mill-prosekuzzjoni wara li t-tnejn l-ohra ammettaw l-akkuzi dedotti kontra taghhom. Jemergi mill-provi illi fit-2 ta' Lulju 2011 ghall-habta ta' xi l-11.30pm grupp ta' studenti barranin kienu qed jirritornaw fid-djar fejn kienu ospitati u wiehed mill-akkuzati l-ohra hassu li dawn kienu qed jghaddu rimarki fil-konfront tieghu waqt li kien qed isegwihom riekeb fuq ir-rota tieghu. Ghalhekk cempel lill-shabu li minnufih nizlu fuq il-post u hemm inqalet kwistjoni bejn il-grupp Malti u dak barrani u wara li l-barranin qalghu xi daqqiet, telqu jigru minn fuq il-post. Dak huwa mertu ta' kawza ohra kontra z-zewg imputati l-ohra, izda, fil-kommozzjoni, wahda mill-barranin, ukoll minorenni, waqqet it-telefon cellulari taghha u dan ingabar minn wiehed miz-zewg imputati l-ohra. Li hu cert hu li ghad li l-imputat Tonna kien qieghed fuq il-post u ghad illi nizel fuq il-post fuq il-kjamata tal-minorenni l-iehor, huwa ma kellu xejn x'jaqsam mal-kwistjoni tant li l-barranin ikkonfermaw illi anqas biss kien fuq il-post, minkejja li kien hemm. Dan l-istess telefon spicca f'idejn l-imputat u kien ghalhekk li tressaq quddiem din il-Qorti;

L-Ispettur prosekutur jghid illi meta baghat ghall-imputat l-ghassa tan-Naxxar, l-istess imputat mill-ewwel ikkonsenja

t-telefon lill-Pulizija u qal li kien ghaddihulu X meta talabulu ghaliex kien behsiebu jarmih. L-imputat irillaxxja stqarrija wara li irrifjuta assistenza ta' avukat u stante li kkonferma l-istess bil-gurament quddiem din il-Qorti, din ser tittiehed in konsiderazzjoni hawnhekk. F'din l-istqarrija, l-imputat ddikjara wara l-kommozzjoni ra lil X b'telefon tal-marka "iphone" f'idu u semghu jghid li kien ser jarmih u ghalhekk talabulu u Zammit qabel ma dan u qallu sabiex ibieghu u jaqsmu r-rikavat. Lura d-dar, meta beda jezamina t-telefon, l-imputat innota illi dan kien fih data li ma kellhiex x'taqsam ma' Zammit u li dan kien jiswa l-flus. Meta xehed quddiem din il-Qorti hu qal li ma kienx jaf li t-telefon kien jappartjeni lill-barranin jew li Zammit kien hadu mill-pussess taghhom u dan sar jafu wara. Peress illi kien tard hafna kien fi hsiebu jaghmel kuntatt ma' Zammit l-ghada meta fil-fatt cempel lill-imputat iehor sabiex itih in-numru ta' Zammit izda ma kienx hemm risposta minghand dan ta' l-ahhar u lahqu cemplulu l-Pulizija u ghalhekk ikkonsenja t-telefon lilhom. Zammit xehed peress illi l-kawza kontra tieghu kienet ghaddiet in gudikat u qal illi meta gabar it-telefon minn mal-art ma kienx jaf x'ser jaghmel bih u talab lil siehbu Farrugia imur jirritornah lill-barranin izda dan irrifjuta u l-hsieb tieghu kien li jirritornah l-ghassa jew imur jipprova isib lill-barranin. Meta ra hekk, l-imputat Tonna talbu t-telefon u fil-fatt tajhulu minghajr ebda rigal jew flus jew ftehim iehor. Y, ukoll processat minn din il-Qorti, ikkonferma li Zammit talbu jirritorna t-telefon lill-barranin izda dan irrifjuta ghaliex hassu skomdu ghaliex kienu ghadhom kemm illitigaw maghhom. "Dak il-hin X qallu sabiex ibiegh il-mobile u jaqsmu l-flus u dan id-diskors smajtu b'widnejja stess". Minn hawn jemergi konflitt bejn ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u dan jehtieg li jkun rizolt minhabba li wahda mill-konsiderazzjonijiet li jehtieg li taghmel il-Qorti hija dik dwar l-*mens* ta' persuna akkuzata bir-rejat in dizamina.

L-artikolu 638(2) tal-Kap 9 jipprovdi illi *x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar*. Fil-kawza deciza mill-Onorabbli

Qorti tal-Appell Kriminali (Inf) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Bonavia (6.11.2002),** l-Qorti rriteniet illi “dan hu bizzejjed biex tigi pruvata l-htija ta’ persuna akkuzata b’rejat u ma hemmx bzonn ta’ xi korroborazzjoni ulterjuri minn provi diretti jew indiretti”. Izda din il-Qorti jehtieg li tadopera certi kawteli f’dan il-kaz ghaliex iz-zewg xhieda tal-prosekuzzjoni huma ukoll *partecipis criminis* u ko-imputati minkejja li l-kawza kontra taghhom ghaddiet in gudikat. *Qua* komplici allura jehtieg li l-verzjoni taghhom ssib konfort f’korroborazzjoni anke jekk f’fatti u cirkostanzi emergenti mill-provi l-ohra. Dan jinsab assodat fil-gurisprudenza u per ezemplari ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta’ Frar, 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizia vs *ommisis*, Jason Psaila u Paul Vella** fejn kien ritenut illi: “Fil-fatt l-Artikolu 639 (3) tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li fejn l-unika xhieda kontra xi akkuzat hija dik tal-komplici, sakemm ir-reat in kwistjoni ma jkunx wiehed minn dawk kontemplati fl-Artikoli 112 sa 118, 120, 121, 124 sa 126, u 138, dik ix-xhieda wahedha ma tkunx bizzejjed biex tinstab htija kontra dak l-akkuzat sakemm ma tkunx korroborata sufficjentement b’cirkostanzi ohra. Huwa principju fondamentali fil-ligi penali li dak li jghid il-komplici fil-konfront ta’ xi awtur jew kull partecipi fl-istess reat m’ghandhux validita’ legali w ma jikkostitwixxi l-ebda prova. Ix-xhieda tal-komplici, mela, trid tkun sufficjentement korroborata minn provi u cirkostanzi ohra, bl-eccezzjoni tar-reati taht l-Artikoli appena msemmija” Dik l-istess Qorti spjegat ulterjorment illi x-xhieda tal-partecipi, li f’dak il-kaz kien akkuzat fi proceduri separati, “ma tistghax tipprevali meta ma tkunx sufficjentement korroborata minn fatturi jew cirkostanzi estranji”. Issa, fil-kaz, odjern il-komplici mhumiex qeghdin jaqblu fuq punt kardinali li dwaru tippernja l-kawza kollha u cioe’ jekk Zammit verament ghaddiex it-telefon lill-imputat bl-intendiment li meta jbigh l-istess jaqsmu r-rikavat u ghalhekk din il-Qorti qeghda tiskarta x-xhieda tal-istess zewg minorenni l-ohra. B’hekk il-Qorti qed tistrieh fuq ix-xhieda tal-imputat u c-cirkostanzjali kollha migjuba a konjizzjoni taghha u jehtieg issa jkun deciz jekk il-fatt illi l-imputat kien fil-pussess ta’ dan it-telefon jammontax ghar-rejat ta’ ricettazzjoni bi ksur tal-Kap 9;

L-arikolu 334 tal-Kap 9 jipprovdi illi: “kull min f’Malta xjentement jilqa’ ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel…”. Dwar l-elementi ta’ dan ir-reat, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima, deciza mill Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-25.10.2002** fejn opportunement qeghda tkun  hawn riprodotta dik il-parti disposittiva taghha.  Dik il-Qorti rriteniet hekk:

“Kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei (fil-kumment tieghu dwar l-Artikolu 648 tal-Kodici Penali Taljan – artikolu li huwa ftit differenti mid-disposiszzjoni taghna izda li dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat huwa simili ghal taghna):

**Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza criminosa, il reato *presuppone* l’esistenza di un altro reato: presuppone, cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza…Naturalmente il delitto anteriore deve essere effetivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato…[ma] la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima non e` stato riconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l’autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte…a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche` questa e` una semplice condizione di procedibilita`. Del pari, la ricettazione puo` sussistere anche se l’autore del**

**delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita` o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena…Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e` il presupposto, sia estinto.**

Fi kliem iehor, il-prosekuzzjoni kellha tipprova bhala fatt li l-oggetti meritu ta' l-ewwel imputazzjoni – iz-zewg Land Rovers – kienu jew insterqu, jew gew akkwistati b'qerq jew altrimenti akkwistati kontra l-ligi minn xi hadd iehor qabel ma dawn gew f'idejn l-appellant. Kellha tipprova wkoll – u dan issa a rigward ta' l-element formali tar-reat – li Grima kien konsapevoli tal-provenjenza llecita taz-zewg vetturi. Pero` wiehed ma jridx ihallat, kif donnha jidher li ghamlet l-ewwel qorti, l-element materjali ma' l-element formali. Anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, l-appellant kien konsapevoli (fis-sens li haseb jew kien jemmen) li l-vetturi kienu "tainted" (per ezempju, minhabba l-prezz baxx li bihom xtrahom), dan ma jezonerax lill-prosekuzzjoni milli tipprova li l-oggetti in kwistjoni kienu effettivament ta' provenjenza illecita kif fuq imfisser."

Illi kwantu l-element materjali ta' reat fil-kaz in dizamina, u fuq l-insenjament appena rikaptat, il-prosekuzzjoni ippruvat li l-oggett materjali tal-kawza kien instab fil-pussess ta' l-imputat. L-element formali tar-reat imbaghad jirrikjedi l-prova tal-konsapevolezza llecita tal-oggett fejn "l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur ikun jaf jew, mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ikun missu ragonevolment ikun jaf li l-oggett li jkun akkwista jkun gej minn provenjenza kriminuza" (**App Kri Il-Pulizija vs Nazzareno Zarb u Melchior Spiteri 16.12.1998**). Tkompli tghid l-istess Qorti, illi fir-ricetazzjoni ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda il-provenjenza kriminuza generika fis-sens li hija xjenza li tista' tkun dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Applikati dawn il-principji ghal kaz in dizamina, jemergi illi l-imputat kien fil-pussess ta' dan it-telefon izda, kif jghid hu, "F'dak il-mument ma kontx naf illi l-mobile kien jappartjeni lill-barranin jew li hadu minn ghandhom, jiena sirt naf wara, u dan wara li mort id-dar,

qbadt nifli l-mobile w irrejalizzajt li dan huwa mobile li jiswa ferm iktar minn mod kif stmah hu”. Din hija l-unika verzjoni li l-Qorti tista’ tikkonsidra tenut kont tal-konsiderazzjonijiet maghmula *supra*. Meta tqis illi din il-verzjoni hija l-istess ghal dik moghtija mill-imputat meta baghatu ghalih il-Pulizija, minn tifel ta’ 15-il sena mizmum ghall-interrogazzjoni, din il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tiddubita li fiha mis-sewwa. Konsegwentement ma jirrizultax l-animu ta’ xjenza tal-haga misruqa jew akkwistata b’qerq u ma tirrizulta ebda cirkostanza li tissugerixxi illi l-imputat setgha jiddezumi tali provenjenza meta inghata dan it-telefon tant li appena induna li mhux kollox kien sew kellu l-hsieb li jikkonfronta lil Zammit l-ghada filghodu, cempel lill-istess u ma kellux rispons. L-element formali tar-rejat ghalhekk ma jirrizulta;

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

Il-Qorti tordna divjet tal-publikazzjoni ta’ isem l-imputat u x-xhieda l-ohra stante li huma minorenni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------